Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2387

25.11.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2387

## tal-24 ta' Novembru 2025

## dwar miżura ta' assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi biex tappoġġa l-Forzi Armati tal-Ġordan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([1]) tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri ta' azzjonijiet tal-Unjoni skont il-politika estera u ta' sigurtà komuni għaż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-konflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF għandha tintuża għall-finanzjament ta' miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali relatati ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni tal-2016 tistabbilixxi l-objettivi tat-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża, l-investiment fir-reżiljenza tal-Istati u s-soċjetajiet fin-Nofsinhar tal-Unjoni, l-iżvilupp ta' approċċ integrat għall-konflitti u l-kriżijiet kif ukoll il-promozzjoni tar-rispett tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali.

(3) Fil-21 ta' Marzu 2022, l-Unjoni approvat il-Boxxla Strateġika, bl-objettiv li ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi, inkluż permezz ta' użu akbar tal-EPF b'appoġġ għall-mezzi ta' difiża tas-sħab.

(4) Fil-15 ta' Lulju 2024, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") u l-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ġordan ikkopresidew il-15-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, fejn iż-żewġ partijiet irrieżaminaw is-sħubija dejjem aktar dinamika u multidimensjonali tagħhom, fil-qafas tal-Prijoritajiet tas-Sħubija l-ġodda adottati f'Ġunju 2022. L-Unjoni wieġbet b'mod pożittiv għat-talba tal-Ġordan biex jibdew tħejjijiet għal Sħubija Strateġika u Komprensiva li tippermetti aktar avvanz tal-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin, inkluż fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża.

(5) Waqt il-15-il Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Ġordan, l-Unjoni ssottolinjat ir-rieda tagħha li tkompli tassisti lill-Ġordan, inkluż permezz tal-EPF, biż-żieda tal-isforzi biex jiġu indirizzati d-diversi sfidi għas-sigurtà li qed jiffaċċja l-Ġordan f'reġjun dejjem aktar instabbli.

(6) Fit-30 ta' Jannar 2025, l-Unjoni u l-Ġordan iffirmaw is-Sħubija Strateġika u Komprensiva biex japprofondixxu relazzjoni fit-tul, u biex jindirizzaw aħjar l-isfidi komuni u jmexxu 'l quddiem il-valuri kondiviżi tal-paċi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

(7) Fis-26 ta' Ottubru 2025, ir-Rappreżentant Għoli rċieva talba mill-Ġordan biex l-Unjoni tassisti lill-Forzi Armati tal-Ġordan fl-akkwist ta' tagħmir ewlieni biex jiġu żviluppati mezzi ta' difiża tal-ajru.

(8) Il-miżuri ta' assistenza għandhom jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari l-konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([2]), u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq iffinanzjati fil-qafas tal-EPF.

(9) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).

([2]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Stabbiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u tul ta' żmien**

1. Hija b'dan stabbilita miżura ta' assistenza li tibbenefika lill-Ġordan (il-"benefiċjarju") li għandha tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"miżura ta' assistenza").

2. L-objettivi tal-miżura ta' assistenza huma dawn li ġejjin:

(a) li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ġordan fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

(b) li tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' sigurtà u difiża tal-Forzi Armati tal-Ġordan sabiex jittejbu s-sigurtà u r-reżiljenza nazzjonali u b'hekk il-popolazzjoni ċivili tkun protetta aħjar fi kriżijiet u emerġenzi;

(c) li ssaħħaħ il-kontribut tal-Ġordan għas-sigurtà reġjonali.

3. Sabiex jintlaħqu l-objettivi stipulati fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi li ġejjin ta' tagħmir mhux imfassal biex jipprovdi forza letali:

(a) sistema ta' detezzjoni tal-ajru (radar ta' medda qasira għad-difiża tal-ajru);

(b) sistema ta' Kmand u Kontroll Operazzjonali (C2).

Il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż taħriġ tekniku, fejn ikun meħtieġ.

4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

**Arranġamenti finanzjarji**

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 35 000 000.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq iffinanzjat taħt l-EPF.

*Artikolu 3*

**Arranġamenti mal-benefiċjarju**

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-benefiċjarju biex tiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti b'din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni biex jingħata l-appoġġ skont il-miżura ta' assistenza.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:

(a) il-konformità tal-unitajiet tal-Forzi Armati tal-Ġordan appoġġati skont il-miżura ta' assistenza mal-liġi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali;

(b) l-użu xieraq u effiċjenti tal-assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;

(c) il-manutenzjoni suffiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza biex jiġu żgurati l-utilizzabbiltà u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(d) li kwalunkwe assi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza ma jintilfux jew jiġu ttrasferiti lil persuni jew entitajiet għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti.

3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ skont il-miżura ta' assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stipulati fil-paragrafu 2.

*Artikolu 4*

**Implimentazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq iffinanzjat fil-qafas tal-EPF u f'konformità mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza skont l-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandha titwettaq mill-Ministeru Federali għad-Difiża tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

*Artikolu 5*

**Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni**

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandha timmonitorja l-konformità mill-benefiċjarju mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jipprovdi għarfien tal-kuntest u tar-riskji ta' ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi Armati tal-Ġordan appoġġati skont il-miżura ta' assistenza.

2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni tat-tagħmir u l-provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:

(a) verifika tal-konsenja, fejn iċ-ċertifikati tal-konsenja tal-EPF iridu jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;

(b) rapport, li permezz tiegħu l-benefiċjarju għandu jirrapporta kull sena dwar l-attivitajiet li jkunu saru bit-tagħmir, il-provvisti u s-servizzi pprovduti skont il-miżura ta' assistenza u fuq l-inventarju ta' oġġetti deżinjati sakemm tali rapportar ma jitqiesx aktar meħtieġ mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);

(c) żjarat fuq il-post fejn, malli jintalab dan, il-benefiċjarju għandu jagħti aċċess lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF biex iwettqu verifiki fuq il-post u awditi tal-EPF.

3. Ir-Rappreżentant Għoli għandha twettaq evalwazzjoni finali mat-tlestija tal-miżura ta' assistenza biex jivvaluta jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħaq l-objettiv stipulat fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 6*

**Rapportar**

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-Rappreżentant Għoli għandha tipprovdi lill-KPS rapporti ta' kull sitt xhur dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma regolarment lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-fornituri u s-subkuntratturi involuti.

*Artikolu 7*

**Sospensjoni u terminazzjoni**

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza skont l-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill jittermina l-miżura ta' assistenza.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LØKKE RASMUSSEN